Qafas ta' Kwalifiki Nazzjonali għal Tagħlim Tul il-Ħajja

It-Tieni Gwida

Ġunju 2007

Kunsill Malti ghall-Kwalifiki

Malta Qualifications Council

IL-QAFAS NAZZJONALI GĦALL-KWALIFIKI TA' MALTA*

8	GRAD TA' DUTTUR		8
7	GRAD TA' MAJJISTRU DIPLOMA TA' WARA L-GRAD ĊERTIFIKAT TA' WARA L-GRAD		7
6	GRAD TA' BAĊĊILLIER		6
5	DIPLOMA TA' *UNDERGRADUATE* ĊERTIFIKAT TA' *UNDERGRADUATE*	DIPLOMA OGĦLA VET*	5
4	ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA LIVELL AVVANZAT LIVELL INTERMEDJU	DIPLOMA VET	4(e)
3	LIVELL 3 EDUKAZZJONI ĠENERALI SEC GRAD 1-5	LIVELL 3 VET	3(d)
2	LIVELL 2 EDUKAZZJONI ĠENERALI GRAD 6-7 SEC	LIVELL 2 VET	2(c)
1	LIVELL 1 EDUKAZZJONI ĠENERALI ĊERTIFIKAT TA' ĦRUĠ MILL-ISKOLA	LIVELL 1 VET	1 (a/b)

VET (Vocational Education and Training) Edukazzjoni u Taħriġ Vokazzjonali

Notamenti:

* Il-Qafas ta' Kwalifiki Nazzjonali hu mfassal b'mod li jkun jista' jinkludi forom diversi ta' kwalifiki li għad m'humiex koperti minn dan il-Qafas.

(a) Il-kisba ta' Passaport għal Impjieg Bażiku, flimkien ma' jew Ċertifikat ta' Ħiliet għal Adulti jew it-Tmien Kompetenzi Ewlenin f'Livell 1 ta' l-MQC, jitqiesu wkoll bħala kwalifika Livell 1 VET sħiħa.

(b) Il-MQC jirrikkmanda li kwalifika Livell 1 VET Sħiħa għandha tkun stmata daqs Ċertifikat tal-Ħruġ mill-Iskola Sħiħ.

(c) Il-Kunsill Malti għall-Kwalifiki jirrikkmanda li kwalifika Livell 2 VET Sħiħa għandha tkun stmata daqs 4 suġġetti ta' Edukazzjoni Ġenerali f'Livell 2.

(d) Il-Kunsill Malti għall-Kwalifiki jirrikkmanda li kwalifika Livell 3 VET Sħiħa għandha tkun stmata daqs 6 suġġetti ta' Edukazzjoni Ġenerali f'Livell 3.

(e) Il-Kunsill Malti għall-Kwalifiki jirrikkmanda li Diploma VET Sħiħa għandha tkun stmata daqs 3 suġġetti f'Livell Avvanzat.

IL-QAFAS NAZZJONALI GĦALL-KWALIFIKI TA' MALTA SKOND L-OKKUPAZZJONI

8	GRAD TA' DUTTUR	PROFESSJONALI U MANIĠERJALI
7	GRAD TA' MAJJISTRU DIPLOMA TA' WARA L-GRAD ĊERTIFIKAT TA' WARA L-GRAD	
6	GRAD TA' BAĊĊILLIER	
5	DIPLOMA TA' *UNDERGRADUATE* ĊERTIFIKAT TA' *UNDERGRADUATE* DIPLOMA OGĦLA VET	TEKNIKU U AMMINISTRATTIV
4	ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA LIVELL AVVANZAT LIVELL INTERMEDJU DIPLOMA VET	
3	LIVELL 3 EDUKAZZJONI ĠENERALI GRAD 1-5 SEC LIVELL 3 VET	OPERATUR ANZJAN U OPERATUR
2	LIVELL 2 EDUKAZZJONI ĠENERALI GRAD 6-7 SEC LIVELL 2 VET	
1	LIVELL 1 EDUKAZZJONI ĠENERALI ĊERTIFIKAT TA' ĦRUĠ MILL-ISKOLA VET LEVEL 1	

Qafas ta' Kwalifiki Nazzjonali għal Tagħlim Tul il-Ħajja

- Il-Qafas ta' Kwalifiki Nazzjonali għal Tagħlim Tul il-Ħajja (NQF) jitrieġa mill-Avviż Legali 347 ta' Ottubru 2005.

- In-NQF ta' Malta jikkonforma mal-Qafas ta' Kwalifiki Ewropew għal Tagħlim Tul il-Ħajja (EQF) li fil-5 ta' Settembru 2006 l-Kummissjoni Ewropea adottat bħala proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq it-twaqqif ta' l-EQF.

- In-NQF ta' Malta hu msejjes fuq il-prinċipju li livell ta' edukazzjoni u kwalifiki jistgħu jitkejlu mill-ħila ta' persuna li tagħmel xi ħaġa aktar milli minn dak li individwu jkun ġie mgħallem.

- In-NQF hu wkoll għodda ta' referenza li tuża l-approċċ ibbażat fuq ir-riżultati tat-tagħlim.

- In-NQF hi għodda ta' referenza u traduzzjoni komuni bejn kwalifiki diversi, sistemi ta' kwalifiki (inklużi oqfsa ta' kwalifiki settorjali) u livelli.

- In-NQF se tqiegħed il-kwalifiki settorjali fl-ambitu ta' Qafas ta' Kwalifiki komuni miftiehem.

- Qafas ta' Kwalifiki Nazzjonali ta' Malta jaderixxi mal-proċessi ta' Bologna u Copenhagen u għandu l-għan li jiġbed aktar individwi biex jiksbu esperjenzi ta' tagħlim u jkunu kapaċi jsibu impjieg.

- In-NQF ta' Malta għandu tmien livelli ta' kwalifiki u hu kompatibbli mal-Qafas ta' Kwalifiki taz-Zona Ewropea ta' Edukazzjoni Ogħla (EHEA) jew id-deskritturi ta' Dublinu.

- L-identifikaturi għaċ-ċiklu qasir ta' edukazzjoni ogħla (fl-ambitu ta' l-ewwel ċiklu jew marbut miegħu) żviluppat mill-Inizjattiva għal Kwalità Konġunta bħala parti mill-proċess ta' Bologna jikkorrispondu għar-riżultat tat-tagħlim ta' Livell 5 tan-NQF ta' Malta.

- L-identifikaturi għall-ewwel, it-tieni u t-tielet ċikli fil-Qafas ta' Kwalifiki taz-Zona Ewropea ta' Edukazzjoni Ogħla jikkorrispondu għar-riżultati tal-livelli 6,7 u 8 tan-NQF.

- In-NQF jipproponi Qafas ta' Edukazzjoni u Taħriġ Vokazzjonali b'ħames livelli ta' kwalifiki, minn Livell 1 VET sa Diploma Ogħla VET li għandha tkun stmata daqs diploma ta' *undergraduate* jew ċertifikat ta' *undergraduate*.

- Tmien Kompetenzi Ewlenin (fil-bidu f'Livelli 1 sa 3) li d-deskritturi tagħhom jikkonformaw ma' l-EQF jiffurmaw parti integrali min-NQF ta' Malta u se jħaffu l-mobilità u l-progressjoni tal-forza tax-xogħol ta' Malta.

- L-edukazzjoni u t-taħriġ informali u mhux formali, u wkoll l-għarfien ta' tagħlim li ttieħed qabel (RPL), biż-żmien għad jiffurmaw parti mill-qafas nazzjonali tal-kwalifiki għal tagħlim tul il-ħajja.

Kunsill Malti għall-Kwalifiki

Malta Qualifications Council

Il-Viżjoni tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki

Biex jissorvelja l-iżvilupp tal-Qafas ta' Kwalifiki Nazzjonali fil-kuntest tat-tagħlim tul il-ħajja u biex jaħdem bi sħab ma' dawk li qed jitgħallmu, impjegaturi u provvedituri ta' taħriġ u edukazzjoni biex jasal għal u jsostni eċċellenza bħala kontribut lejn l-isforz nazzjonali għall-kompetittività.

Mission Statement

To oversee the development of the National Qualifications Framework in the context of lifelong learning and to work in partnership with learners, employers and training and education providers to achieve and maintain excellence as a contribution towards the national effort for competitiveness.

Il-Kunsill ta' Malta għall-Kwalifiki jitrieġa mill-Avviż Legali 347 ta' l-2005.

L-objettiv ġenerali ta' l-MQC hu li jidderieġi l-iżvilupp tal-Qafas tal-Kwalifiki Nazzjonali u jissorvelja t-taħriġ u ċertifikazzjoni li jwasslu għal kwalifiki fl-ambitu tal-Qafas u li m'humiex diġà pprovduti f'istituzzjonijiet ta' edukazzjoni obbligatorja jew minn korpi li jagħtu l-gradi.

Il-Kunsill:

- Jippromwovi u jsostni l-Qafas tal-Kwalifiki Nazzjonali u jistabbilixxi politika u kriterji li l-Qafas għandu jkun mssejjes fuqhom;
- Japprova u jiżgura l-pubblikazzjoni ta' standards nazzjonali ta' għarfien, ħiliet, kompetenzi u attitudnijiet għal kull settur ta' żvilupp;
- Japprova u jiżgura l- pubblikazzjoni ta' proċeduri biex ikunu implimentati minn aġenziji tat-taħriġ li joffru programmi ta' edukazzjoni u taħriġ li jwasslu għal aċċess, trasferiment u progressjoni;
- Jiżgura li dawn l-istandards u proċeduri jkunu implimentati;
- Japprova programmi ta' edukazzjoni u taħriġ mmexxijin minn aġenziji ta' taħriġ;
- Japprova ċertifikati mogħtijin minn aġenziji ta' taħriġ;
- Jżomm u joħroġ dokumenti uffiċjali taċ-ċertifikati mogħtija.

Il-Kunsill ta' Malta għall-Kwalifiki qed imexxi proġett Leonardo da Vinci fuq l-ittestjar ta' tal-Qafas ta' Kwalifiki Ewropew (EQF) fis-settur tal-kwalifiki fl'istudji turistiċi u hu msieħeb ukoll fi proġett LDV ieħor fuq il-Qafas ta' Kwalifiki Vokazzjonali ta' nies tas-sigurtà.

L-MQC jirrappreżenta lill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjiegi fuq il-Grupp Implimentazzjoni ta' l-EQF u l-*European Network for Quality Assurance for Vocational Education* (ENQA-VET).

Fl-2008 l-MQC se jorganizza Assemblea Ġenerali u Konferenza Annwali tal-*European Association of Institutions in Higher Education* (EURASHE) li tiġbor fiha Politekniki, Kulleġġi u Kulleġġi Universitarji dedikati għall-Edukazzjoni Ogħla Vokazzjonali u Professjonali.

Il-Kunsill Malti għall-Kwalifiki hu presjedut mis-Sur Charles Mizzi. Il-membri l-oħra tal-Kunsill huma s-Sur Felix Borg, is-Sur Anthony DeGiovanni, is-Sur Vincent Farrugia, is-Sinjorina Veronica Grech, Dr Grace Grima, is-Sinjura Charmaine Portelli u s-Sur Emmanuel Zahra.

L-Aġent Kap Eżekuttiv hu Dr James Calleja.

Tel. +356 2598 2378 or +356 2598 2527
Fax +356 2598 2155
Websajt: www.mqc.gov.mt
Indirizz: info@mqc.gov.mt